SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 36/2022

25 ta'  Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul - Skużat

Kylie D'Amato -  Kunsilliera

Liam Sciberras – Skużat

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

36.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Terrence Ellul u Liam Sciberras. Huma ġew skużati mil-laqgħa.

36.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minut 35-2021**

36.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 35-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Kunsilliera Kylie D'Amato.

36.3 **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 36-22 għal perjodu bejn il-21 ta' Diċembru, 2021 sa l-24 ta' Jannar, 2022 u minn ċekk numru BOV 8390 sa ċekk numru BOV 8402 u minn Bank Transfer 01/22 sa 39/22.

36.4 **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**36.4.1 Talba għal double yellow lines Triq il-Bruka**

Is-Sindku ressqet talba sabiex Triq il-Bruka kantuniera ma Triq il-Prinjoli jsiru double yellow lines għaliex kien qed isir ipparkjar fil-kantuniera kontinwament. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw ma Transport Malta sabiex ngħaddu l-approvazzjoni lil Infrastructure Malta sabiex isiru l-linji sofor fil-kantuniera u qabel ukoll li l-kumplament tat-triq isiru bil-kaxxi bojod sabiex noħolqu ordni għall-parkeġġ.

36.4.2 **Yoga Sessions (talba għal Venue)**

Is-Sindku ressqet talba sabiex il-Kunsill jipprovdi post adekwat sabiex isiru l-lezzjonijiet tal-Yoga. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna noffrulha t-tea room bil-prezz skond il-bye laws.

36.4.3 **Lease Agreement Renewall**

Is-Sindku għarfet li l-Kunsill kien irċieva l-*lease agreement* (*renewal*) għal *5a-side pitch, il-community centre* u pjazza 7 ta' Lulju mingħand l-Awtorita tad-Djar sabiex jiġi ffirmat mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

36.4.4 **Estenzjoni tal-Kuntratt tal-Perit tal-Kunsill**

Is-Sindku qalet li l-Kuntratt tal-Perit kien ser jiskadi fl-24 ta' Mejju 2021 u għalhekk ma kinitx tagħmel sens li nagħtu estenzjoni tal-kuntratt issa għal tlett xhur biss. Is-Sindku qalet li sa dak inhar il-Kunsill għandu jaħseb sabiex joħroġ sejħa ġdida fuq l-epps għal kuntratt ġdid. Il-Kunsill qabel.

**36.4.5 Kwotazzjoni għal knis**

Is-Sindku spjegat li l-kuntratturi tal-Cleansing li kienu qed jieħdu ħsieb il-knis Santa Luċija kellhom biss sa nofs Frar u għaldaqstant il-Kunsill kien talab għal tlett kwotazzjonijiet sabiex is-servizz tal-knis ikun jista' jibqa' għaddej bl-istess ritmu. Hija ressqet tlett kwotazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li peress li wieħed mill-kuntratturi kien tefa' l-offerta fuq bażi ta' sebat ijiem jiġifieri mit-Tnejn sal-Ħadd u t-tnejn l-oħra kwotaw fuq ħamest ijiem jiġifieri mit-Tnejn sal-Ġimgħa l-Kunsill għandu jerġa jibgħat lill-kuntratturi sabiex jirrevedu l-kwotazzjoni u jtuna prezz mit-Tnejn sas-Sibt kollha imbagħad inkunu nistgħu mmexxu fuq l-orħos offerta.

36.4.6 **Rotta l-ġdida tal-Linja**

Is-Sindku ressqet quddiem il-kamra tal-Kunsill ir-rotta l-ġdida tal-karozzi tal-linja. Hija spjegat li l-Kunsill kien tela' quddiem il-bord biex jappella sabiex ma ssirx din il-bidla pero' sfortunatament it-talba tal-Kunsill ma ġietx milqugħa. Is-Sindku qalet li skond r-rotta li kienu bagħatulna Infrastructure Malta tal-linja kienet ser tgħaddi minn Triq Oleander temporanjament. Il-Kunsill iddiskuta r-rotta l-ġdida u qabel li l-Kunsill għandu jibgħat isaqsi lill-Infrastructure Malta kif ser tkun it-Traffic Management finali.

36.4.8 **Kwotazzjoni Bins**

Is-Sindku Charmaine St John ressqet żewġ kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw bins għall-iskart biex jinbidlu li kienu nkissru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nmorru għall-orħos offerta dik ta' 225 Euros u qabel ukoll li għalkemm il-Kunsill għandu bżonn ibiddel erba' bins, għandna nordnaw sitta sabiex ikollna tnejn għal li jista' jinqala'.

36.4.9 **Applikazzjoni Measure 4.3**

Is-Sindku Charmaine St John qalet li kienet ħierġa skema fejn il-Kunsill setgħu japplikaw għal fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isiru t-toroq rurali bit-tarmak. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill japplika għal Triq Lampat u l-Viċi Sindku propona triq bla isem li jiġi wara Dawret it-Torri li twasslek għal ħdejn it-Triq tal-Barrani. Is-Sindku qalet li l-Kunsill seta' japplika għal aktar minn triq waħda u għalhekk proponiet li l-Kunsill japlika għaż-żewġ toroq. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.4.10 **Skema Reġjun Nofsinhar għal Żmien l-Għid.**

Is-Sindku qalet li Reġjun Nofsinhar kienu ser joħorġu skema sabiex isir attivita' bħal pereżempju kunċert għal żmien il-Għid.Hija spjega li r-Reġjun kien ser jagħti s-somma ta' 10,000 Euro li ser jinqasmu bejn żewġ Kunsilli. Is-Sindku spjegat li diġa' kienet tkellmet ma persuna li kien ser jagħtina s-suġġerimenti tiegħu u imbagħad il-Kunsill jibgħat l-applikazzjoni lir-Reġjun. Il-Kunsill qabel.

*36.4.11* **Funzjonijiet għall-Għid il-Kbir**

Is-Sindku qalet li normalment il-Kunsillier Terrence Ellul kien jieħu ħsieb ix-xemgħat fuq iz-zuntier tal-Knisja għal żmien il-Għid u xtaqet ukoll li din is-sena l-Kunsill jorganizza Easter Egg Hunt ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dawn l-attivitajiet.

**36.4.12 Skema Ambjent Urban Green Scheme**

Is-Sindku ressqet skema maħruġa minn Ambjent Malta favur upgrade ta' spazju miftuħ. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill japplika sabiex isir upgrade ta' Pjazza ta' Lulju. Il-Kunsill iddiskuta x'seta' jsir fil-Pjazza ta' Lulju kif ukoll fi Ġnien Sembjoza u l-Kunsilliera preżenti qablu li jiltaqgħu onsite sabiex jaraw x'jista' jsir f'wieħed minn dawn is-siti.

**36.4.13 SPI/SCI/1/2022 (Playing Fields)**

Is-Sindku ressqet SPI/SCI/1/2022 għal upgrading tal-bandli. Hija qalet li l-Kunsill jista' japplika sabiex inbiddlu l-play equipment u/jew nixtri xi equipment ġdid. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-bandli għandu bżonn ta' *equipment* aktar modern u ħtieġa speċjali li l-bandli jkun magħluq bil-gradi halli jkun sikur għat tfal.

**36.4.14 Laqgħa Community Police**

Is-Sindku qalet li l-C*ommunity Police* kienu qed jitolbu sabiex issir laqgħa ta' ntroduzzjoni mal-kunsilliera. Il-Kunsill iddiskusta u qabel li niltaqgħu s-Sibt ta' wara l-laqgħa. Is-Sindku talbet sabiex l-kunsilliera mhux preżenti jiġu avżati.

**36.4.15 Lights Dog Park**

Is-Sindku qalet li d-dwal li nqalgħu mill-bandli flok li ma jintremew il-Kunsill kien ser jinstalla erbgħa minnhom fid-Dog Park. Hija spjegat li l-Kunsill kien iltaqa' mal-Kuntrattur sabiex isiru t-trenching neċessarju sabiex il-Kuntrattur tad-Dawl ikun jista' jikkomunika d-dwal.

Is-Sindku qalet ukoll li d-dwal quddiem il-convenience store kien jinħtieġ li jsir t-trenching għalihom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nqabbdu l-kuntrattur tal-Kunsill.

**36.4.15 Cir AKL 2022/013 First Aid & AED Courses**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva inizjattiva mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill għal Fire Warden Training Course u Course għal AED u proponiet li tintbghat e-mail lill-Kunsilliera sabiex naraw min kien interessat. Il-Kunsill iddiskuta l-problema li l-AED Santa Luċija qiegħda ġol gym l-antika u għalhekk mhix aċċessibbli għal min ikollu bżonnha. Il-Kunsill qabel li l-AED għandha teħel f'post ċentrali bħal fejn il-Convenience Store jew mal-ġenb tal-Għassa tal-pulizija.

***36.4.16 Trenching Pjazza 7 ta' Lulju***

*Is-Sindku spjegat li sabiex* jeħlu l-erba' fanali fi Pjazza 7 ta' Lulju kienet iltaqgħet mal-kuntrattur tad-dawl li kien qed jitlob li jsir it-trenching neċessarju sabiex ikun jista' jwaħħal il-fanali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nqabbdu l-kuntrattur tal-Kunsill.

**36.4.17 Trenching Quddiem il-*Convenience* għal 3 Fanali**

Is-Sindku qalet ukoll li d-dwal quddiem il-*convenience store* kien jinħtieġ li jsir t-*trenching* għalihom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nqabbdu l-kuntrattur tal-Kunsill biex jagħmel dawn ix-xogħolijiet.

**36.4.18 Talba għal-Użu ta' Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku ressqet talba fejn Right to Smile xtaqu jagħmlu użu minn Ġnien is-Serenita' għal attivita li kienu ser jorganizzaw nhar il-Ħadd 1 ta' mejju, 2022. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jorganizza attivita' flimkien ma Right to Smile u l-użu tal-Ġnien ikun bla ħlas.

**36.5 Performance Appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u Staff Klerikali tal-Kunsill**

Is-Sindku ressqet ir-rapport tal-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu fuq ir-rapport. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

Is-Sindku ressqet ir-rapport tal-Performance Appraisal tal-istaff klerikali tal-Kunsill. Dawn ġew approvati unanimament.

36.6 Vakanza Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qalet li s-sejħa għall-applikazzjoni għal Segretarju Eżekuttiv kienet għalqet. Hija qalet li l-Kunsill kien jinħtieġ jaħtar bord sabiex isiru l-interviews. Il-Viċi Sindku propona li tintbagħat e-mail lill-Kunsill kollu bil-ġurnata u l-ħin u min ikun jista' jattendi l-importanti li jkun hemm tlett persuni fuq il-bord. Is-Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

36.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-sedua li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-7:40pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta’ Frar, 2022 fil-5:00pm. Konfermati llum il- ______________________________, ta’ _____________2022.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |